# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Novembru, 2016.**

**Rikors Numru 426/2005 SM**

**Mary Ann Borg bhala legittima rapprezentanta ta' binha minuri Daniel Borg**

**vs.**

**EneMalta plc**

**u**

**Charles Bonello**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni datata l-4 ta' Mejju, 2005, li permezz taghha l-attrici *nomine* sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi l-minuri indikat fl-okkju hu l-uniku iben u werriet tal-mejjet Joseph Borg, (ara foll 7 u 8);

1.2. Illi l-imsemmi Joseph Borg miet b'xokk elettriku fil-21 t'Ottubru, 2002, meta kien qed jaghmel xoghol fuq bejt ta' garaxx fi Triq il-Maqdes Ruman, l-Imtarfa;

1.3. Illi l-incident in dizamina sehh tort tal-konvenuti *stante* imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti ta' sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

1.4. Illi rizultat tal-istess incident il-minuri *de quo* qieghed isofri danni;

1.5. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom, responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 t'Ottubru, 2002, fuq riferit;

1.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur in konsegwenza tal-incident *de quo*;

1.5.3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat;

1.5.4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici *nomine* annessa mal-istess citazzjoni promotrici, (ara foll 5);

3.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata l-1 ta' Gunju, 2005, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti: (ara foll 16);

3.1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2153 tal-Kodici Civili;

3.2. Illi mhix responsabbli ghall-akkadut;

3.3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati;

3.4. Illi l-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti huma infondati;

3.5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess, (ara foll 16);

5.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Charles Bonello datata t-28 ta' Marzu, 2006, li pemezz taghha sintetikament eccepixxa s-segwenti:

5.1. Illi l-ewwel (1) talba ghandha tigi respinta *stante* li l-incident *de quo* ma garax tort tal-konvenut in dizamina;

5.2. Illi anke t-tieni (2) talba ghandha tigi respinta billi fil-konfront tieghu m'hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici *nomine*;

5.3. Illi ghalhekk isegwi li t-tielet (3) talba ghandha tigi respinta;

5.4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

6. Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess, (ara foll 16);

7. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat l-24 ta' Gunju, 2008, li permezz tieghu l-kawza kienet differita ghat-trattazzjoni finali dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, bil-partijiet jinghataw il-fakolta` li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet, (ara foll 82);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta fir-rigward, datata l-11 ta' Dicembru, 2008, (ara foll 83);

9. Rat it-trattazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward, (ara foll 90);

10. Rat is-sentenza preliminari ta' din il-qorti diversament preseduta, datata l-20 ta' Jannar, 2010, (ara foll 95);

11. Rat ir-rikors tal-appell mill-istess sentenza ndikata fil-paragrafu precedenti, datat iz-19 t'Awwissu, 2010, (ara foll 2 tal-process tal-Qorti tal-Appell *in atti*;

12. Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta appellata datata l-24 ta' Frar, 2010, (ara foll 8 tal-istess process in appell);

13.0. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-31 ta' Jannar, 2014, (ara foll 36 *et sequitur*), li permezz taghha:

    13.1. Hassret is-sentenza appellata;

    13.2. Cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht l-artiklu 2153 tal-Kodici Civili; u

    13.3. Tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti biex jitkompla s-smigh tal-kawza;

14. Rat id-dikjarazzjoni tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datata s-16 ta' Frar, 2016, li permezz taghha ddikjaraw li ma kellhomx provi aktar x'jipproducu, (ara foll 168);

15. Rat id-digriet taghha datat ukoll is-16 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 169), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 173);

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici *nomine* datata l-1 ta' Gunju, 2016, (ara foll 175);

17. Semghet ix-xhieda prodotti quddiemha kif issa preseduta;

18. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati u x-xhieda mismugha minn din l-istess qorti diversament preseduta;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

19.1. Illi fit-21 t'Ottubru, 2002, id-*decuius* Joseph Borg kien assenjat jaghti l-konkos fuq il-bejt ta' garaxx sitwat fi Triq il-Maqdes Ruman, l-Imtarfa, (ara foll 52 u 55);

19.2. Illi fl-istess sit fejn kien qieghed isir dan ix-xoghol mill-imsemmi *decuius* kien hemm *wires* tad-dawl tal-gvern, (ara foll 55);

19.3. Illi flimkien mad-*decuius* jahdem fuq l-istess sit kien hemm il-konvenut Charles Bonello li kien qieghed itella l-konkos f'bajla appozita ghal fuq il-bejt tal-istess garaxx fejn kien qed jahdem id-*decuius*, (ara foll 165);

19.4. Illi l-konkos kien qed jissuplieh Vince Caruana li kien jopera r-*ready mix* (ara foll 160);

19.5. Illi l-bajla konkos kienet ghalhekk tittella mit-triq fuq riferita, tissupera l-*wires* tad-dawl tal-gvern li kien hemm mal-hitan fuq il-bejt *de quo*, u titbattal fuq il-bejt tal-garaxx in dizamina fejn kien qieghed jopera l-istess *decuius*, (ara foll 160 u 166);

19.6. Illi l-istess Caruana kien qieghed jiggwida lil Bonello fl-operazzjoni *de quo*, (ara foll 166);

19.7. Illi jirrizulta li l-incident in dizamina sehh meta d-*decuius* mess mal-bajla li irrizultat li kienet *live* meta l-*crane* mess il-*wires* tal-elettriku fuq gia` imsemmija, ghalkemm "....ebda persuna ma ra is-*suspension steel cable* tal-*crane* tmiss mal-*wire* tal-elettriku", (ara foll 31 u 60);

Ikkunsidrat:

20. Illi r-rikorrenti *nomine* ssosstni li l-incident in dizamina sehh tort u htija tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

21.0. Illi s-socjeta` konvenuta ssosstni s-segwenti:

21.1. Illi l-azzjoni intavolata hi preskritta *ai termini* minnha indikati, (ara foll 16);

21.2. Illi mhix responsabbli ghall-akkadut, (ara foll 16);

22. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta` konvenuta jinghad sintetikament li din giet determinata konklussivament mill-Qorti tal-Appell u kienet rigettata ghar-ragunijiet hemm espressi, (ara foll 36 tal-process tal-Qorti tal-Appell anness *in atti*);

Ikkunsidrat:

23. Illi sintetikament, il-konvenut l-iehor Bonello jsosstni li ma jahti xejn ghall-incident in dizamina;

Ikkunsidrat:

24. Illi jinghad sintetikament li biex azzjoni ghal danni bhal dik odjerna tirnexxi, hu necessarju li jrid jirrizulta nuqqas daparti tal-konvenuti involuti fit-termini tal-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodici Civili;

25. Illi l-artiklu 1031 fuq riferit jistabbilixxi l-principju li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara kkagunata bi htija tieghu;

26. Illi l-htija tigi akkollata meta ma tintuzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, izda hadd ma jwiegeb ghal nuqqas ta' grad aktar gholi ta' diligenza;

27. Illi l-artiklu 1033 fuq riferit jistabbilixxi s-segwenti:

> "Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha

jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

Ikkunsidrat:

28. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs. Sammy Meilaq nomine***, datata d-***9 ta' Dicembru, 2002***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** tistabbilixxi li:

> "F'azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita` ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-qorti ghalhekk jehtiegilha tezamina attentement il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok, irnexxilux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut *nomine*";

Ikkunsidrat:

29.0. Illi minn ezami tal-process verbal ipprezentat *in atti* jirrizulta s-segwenti:

29.1. Illi fl-analisi taghhom bhala esperti tal-qorti, il-Professur Carmelo Pule` u l-Perit Richard Aquilina waslu ghas-segwenti konkluzjonijiet:

29.1.1. Id-*decuius* Joseph Borg ma kienx liebes ilbies protettiv, (ara foll 31), necessarju ghax-xoghol li kien ser jaghmel;

29.1.2. Illi principalment jigbed l-attenzjoni ghall-fatt li d-*decuius* ma kienx liebes "...*industrial rubber boots* sabiex jigi *insulated* u protett, (ara foll 31);

29.1.3. Illi fil-process verbal in dizamina gie stabbilit is-segwenti:

> "Mir-relazzjoni approfondita tal-Profs. Pule` jirrizulta bl-aktar mod ampju illi ghall-mewt ta' Joseph Borg ma jahti hadd hlief sfortunatament huwa nnifsu", (ara foll 31);

29.1.4. Illi l-istess espert tekniku jsosstni li l-incident in dizamina effettivament sar bil-mod segwenti:

> "...illi l-*steel cable* tal-*crane* x'aktarx mess mal-elettriku u l-*cable* allura saret *live* illi l-bajla tal-hadid saret ukoll *live*, u Joseph Borg b'gismu gharqan u saqajgh mghottija biss bi *slipper* imxarrab, b'saqajh mirdumin f'*concrete* imxarrab, offra passagg ghall-current tal-elettriku u ghalhekk gie *electrocuted*," (ara foll 30);

29.1.5. Illi jigi sottolineat li l-istess *decuius* kellu d-dover jitlob l-assistenza tas-socjeta` konvenuta biex ufficjali taghha jeccedu fuq il-post u jeliminaw il-periklu ovvju li kien hemm bl-*overhead wires* in kwistjoni;

29.1.6. Illi maghdud ma dak rilevat fil-paragrafu precedenti, l-istess *decuius* jirrizulta li lanqas ha l-prekawzjoni minima li jilbes ilbies protettiv;

29.1.7. Illi fl-operat taghhom biex itellghu l-konkos fuq il-bejt l-operatur tal-*crane* u d-*decuius* kellhom lis-sewwieq tat-trakk tar-*ready mix* biex jindikalhom kif ghandha tghaddi l-bajla minn fuq il-*wires* tal-elettriku;

29.1.8. Illi f'dan ir-rigward il-perit fuq riferit isosstni li hadd mill-protagonisti indikati m'espleta l-inkarigu li assuma b'ghaqal u diligenza, *stante* li Caruana "... kien b'ghajnejh lejn dak li kien fuq il-bejt, biex jara is-sinjali tieghu u mhux lejn il-*wire*", (ara foll 135);

29.1.9. Illi in effetti l-incident fatali in dizamina sehh ghaliex "... hadd ma ta' kaz kemm fil-fatt il-

*wire-rope* tal-*crane* kien resaq lejn il-*wires* tal-elettriku fejn kien hemm tnejn (2) minnhom mikxufin u wiehed mghotti", (ara foll 137);

29.1.10. Illi *di piu`* l-istess perit tekniku jikkonkludi li "...hadd ma kien qieghed ihares lejn il-*wires"* u konsegwentement, ikompli billi jsosstni li "...jirrizulta li dan l-incident kien rizultat ta' nuqqas t'attenzjoni, l-aktar minn Joseph Borg stess", (ara foll 138);

Ikkunsidrat:

30. Illi din il-qorti ma jirrizultaliex li ghandha xi raguni ghaliex m'ghandiex takkolji l-istess konkluzjonijiet tal-esperti fuq riferiti, u konsegwentement tiddikjara li qed tistrieh fuqhom u taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

31.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li l-attrici *nomine* ipprovat it-talbiet taghha skont il-ligi *stante* li jirrizulta sintetikament is-segwenti:

31.1. Illi d-*decuius* ma kienx liebes ilbies protettiv;

31.2. Illi d-*decuius* ma kienx qieghed josserva il-posizzjoni tal-*wire-rope* tal-*crane* u kif dan kien qieghed jigi adoperat fil-vicinanzi tal-*wires* tal-elettriku;

31.3. Illi qabel mad-*decuius* beda jaghti u jqieghed il-konkos fuq is-saqaf tal-garaxx in kwistjoni, lanqas talab lill-ufficjali tas-socjeta` konvenuta jinterrompu l-provista tad-dawl mill-istess *wires*, jew ghallanqas li tghatti l-*wires* mikxufa li kien hemm permess ta' tubi tal-plastik;

31.4. Illi l-incident in dizamina sehh kif ippostula l-Professur Carmelo Pule`, (ara paragrafu numru disa' u ghoxrin punt wiehed punt erba', (29.1.4.), aktar qabel);

**DECIDE:**

32.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-attrici *nomine* naqset li tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi u konsegwentement:

32.1. Filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti;

32.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-attrici *nomine*;

32.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess attrici *nomine*.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**